Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,522, 17 ta' Novembru, 2020
Taqsima B

A.L. 431 tal-2020

ATT DWAR IL-KONSERVAZZJONI U L-AMMINISTRAZZJONI TAS-SAJD (KAP. 425)

Regolamenti tal-2020 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Ħlasijiet għal Servizzi għas-Sajd u l-Akkwakultura

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 38 tal-Att dwar il-Konservazzjoni u l-Amministrazzjoni tas-Sajd, il-Ministru għall-Agrikoltura, Sajd u Drittijiet tal-Annimali, bi qbil mal-Ministru għall-Finanzi u s-Servizzi Finanzjarji, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2020 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Ħlasijiet għal Servizzi għas-Sajd u l-Akkwakultura u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar Ħlasijiet għal Servizzi għas-Sajd u l-Akkwakultura, hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali". L.S. 425. 05.

Iħassar ir-regolament 4 tar-regolamenti principali.

2. Ir-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi mħassar.

Jenumera mill-ġdid l-artikoli 5, 6 u 7 tar-regolamenti prinċipali.

3. Ir-regolamenti 5, 6 u 7 tar-regolamenti principali għandhom jiġu enumerati mill-ġdid bħala r-regolamenti 4, 5 u 6 rispettivament.